# Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja

# KAP 1 – JIEN U L-OĦRAJN

**NOTA IMPORTANTI –**

**Fuq in-naħa tax-xellug għandek issib in-numru tal-lezzjoni.**
**Fuq in-naħa tal-lemin għandek issib in-numru tal-lezzjoni mill-ktieb li jikkorrispondi mal-lezzjoni. Għandek tinnota li mhux kull lezzjoni għandha paġna ta' ħidma mill-Ktieb.**
**Hekk Lezzjoni numru 1.1 għandha l-paġna 1.1 mill-Ktieb, fil-waqt li Lezzjoni numru 1.6 m'għandha l-ebda lezzjoni mill-Ktieb.**
**Il-paġna ta' ħidma mill-Ktieb 1.6 qiegħda ma' lezzjoni numru 1.7.**

| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | 3 lezzjonijiet |
|---|---|---|
| 1.1 | Bdiet sena ġdida | 1.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu l-ġrajjiet ewlenin li t-tfal jgħaddu minnhom sa din l-età.<br>2. Janlizzaw il-ġrajjiet li ġraw fil-ħajja tagħhom.<br>3. Iqabblu dawn il-ġrajjiet ma' ta' studenti oħra fil-ħajja tagħhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Bdew jikbru u allura jsiru aktar indipendenti.<br>2. Kulħadd għandu s-sabiħ tiegħu u għalhekk kulħadd huwa speċjali u uniku.<br>3. Issa li bdew jikbru tajjeb li jkunu responsabbli f'dak li jagħmlu. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Tajjeb ukoll li jkunu sensittivi lejn sħabhom anke meta dawn ikunu differeni minnhom. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru li japprezzaw lil xulxin.<br>• It-tfal juru rieda li biex tkun sena tajba, iridu jagħmllu ħbieb malajr meta jonqsu lil xulxin. | |
| | | |
| 1.2 | **Mingħajrhom ma jien xejn** | 1.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiddiskutu l-importanza tal-familja u ta' min irabbihom.<br>2. Jidentifikaw rwoli differenti fil-familja.<br>3. Jagħrfu l-membri tal-familja estiża tagħhom (in-nanniet, iz-zijiet, il-kuġini, eċċ) | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-familja hija dik li tieħu ħsiebna u tħobbna.<br>2. Fil-familja m<br>3. missu tabilħaqq l-imħabba li Alla għandu għalina.<br>4. Il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebna, bl-attenzjoni kontinwa li jagħtuna, juruna Alla kemm iħobbna. Din l-attenzjoni iġġegħelna nħossuna apprezzati u maħbuba. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru li jifhmu li huma, bħala membri fil-familja, għandhom l-irwol tagħhom.<br>• It-tfal, waqt li juru responsabbiltà għar-rwol tagħhom fil-familja, juru li jifhmu li meta dawn l-irwoli huma mħaddma flimkien inisslu għaqda u mħabba.<br>• It-tfal jgħinu kemm jistgħu lill-ġenituri tagħhom, speċjalment meta dawn jaħdmu.<br>• It-tfal juru rispett u apprezzament lejn il-familja estiża u jagħtu daqqa t'id fejn | |

| | | |
|---|---|---|
| | hemm bżonn.<br>• Jaħdmu biex il-familja tkun flimkien. | |
| | | |
| 1.3 | Inħobb u nuri rispett | 1.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu r-rispett u l-imħabba marbuta mal-familja jew mal-persuni li jgħixu magħhom jew li qed irabbuhom.<br>2. Jagħrfu kif huma jgħixu t-twemmin tagħhom fl-ambjent tagħhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Nitgħallmu nuru rispett lejn il-membri tal-familja.<br>2. Ma niddejqux ngħidu *grazzi* u *inħobbok* lil min jieħu ħsiebna. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru li kapaċi jgħinu b'mod konkret. B'dan il-mod juru li huma parti minn familja mhux biex jirċievu biss imma biex jagħtu sehemhom ukoll u ma jgergrux għal kull ħaġa ta' xejn . | |
| | | |
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | 3 lezzjonijiet |
| 1.4 | Bżonn jew kapriċċ? | 1.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jidentifikaw u jitgħallmu l-bżonnijiet bażiċi marbuta mal-familja tagħhom jew mal-ambjent fejn jgħixu.<br>2. Jagħrfu d-differenza bejn dawk li huma bżonnijiet u dawk li huma kapriċċi. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-bnedmin għandhom dritt għal numru ta' bżonnijiet biex id-dinjità tagħhom tkun tista' tiġi rispetata.<br>2. Dawn il-bżonnijiet faċli jinbidlu f'kapriċċi bħalma huwa faċli li meta wieħed jiffoka żżejjed fuq id-drittijiet tiegħu faċli jinsa d-dmirijiet li għandu jkollu fl-ambjent li jgħix fih. | |
| **L-Attitudni** | • It-tfal jifhmu li minkejja li numru ta' bżonnijiet jgħaddihomlna min jieħu ħsiebna, huma juru li huma lesti biex fejn jistgħu joffru l-għajnuna tagħhom fejn hemm nuqqas ta' bżonnijiet bażiċi bħal ngħidu aħna l-bżonn tal-imħabba u l-ħbiberija.<br>• It-tfall juru li bħalma huma jixtiequ li jkunu maħbuba, tajjeb li fl-ambjenti tagħhom, huma wkoll jagħrfu jħobbu u jgħinu f'diffikultà.  Fuq kollox jaqsmu li għandhom mal-oħrajn. | |
| | | |
| **1.5** | **Min għandu ħafna ... u min xejn!** | **1.5** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu bil-bżonn tan-nuqqas ta' ħela fl-ikel u fil-gugarelli.<br>2. Jiddiskutu x'għandhom jagħmlu biex dan jitnaqqas jew ma jsirx.<br>3. Jagħrfu li hemm nies differenti bi bżonnijiet differenti fl-ambjenti tagħhom u anke 'l bogħod minnhom fejn jidħol ikel u għejxien. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-faqar u t-tbatija li jeżiżtu fid-dinja huma kollha tort tar-regħba ta' min qiegħed imexxi.<br>2. Alla ħalaq ikel għal kulħadd imma l-bnedmin mhux dejjem iqassmu dan l-ikel l-istess għal kulħadd.<br>3. Ħafna drabi s-sinjur ikompli jistgħani u l-fqir ikompli jitfaqqar. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Ma naħlux ilma għax meta naħli jien xi ħaddieħor qed ibati minħabba dan il-ħela. | |
| **L-Attitudni** | - It-tfal jagħtu kas xulxin u mill-mod kif jgħixu ma jaħlux ikel, ħwejjeġ u ġugarelli imma kemm jistgħu jerġgħu jużawhom jew jirriċiklawhom. | |
| | | |
| **1.6** | **Kont bil-ġuħ u tmajtni** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jidentifikaw kif kienu jitrattaw lill-barranin il-Maltin ta' qabilna. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Maltin minn dejjem kienu ġenerużi ma' xulxin. Missirijietna batew il-faqar u kienu jaqsmu dik il-loqma li kienu jsibu.<br>2. Illum ħafna jagħtu bħal ħwejjeġ u kutri lill-immgranti irregolari jew jibagħtuhom barra meta jinqala xi diżastru naturali. | |
| **L-Attitudni** | - It-tfal juru li jagħrfu li fid-dinja kulħadd jista' jiġi bżonn ħaddieħor.<br>- Kif missirijietna għaddewlna l-valur tal-ġenerożità, huma jaħdmu biex juru solidarjetà ma' min għandu bżonn. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **3 lezzjonijiet** |
| **1.7** | **Int xi tħobb tagħmel?** | **1.6** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu dwar il-kultura ta' żmien Ġesu'. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jifhmu u janallizzaw id-differenzi li kien hemm bejn il-Lhud , is-Samaritani u jaraw li l-bniedem jiġi qabel kollox.<br>3. Jiddentifikaw dawk ix-xogħolijiet li kienu jsiru fi żmien Ġesù. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Biex issir taf lil xi ħadd trid timmaġina l-mod ta' ħajja li jgħix.#<br>2. Biex inkunu nafu dwar Ġesù, irridu nifhmu kif kien jgħix hu u l-Lhud ta' żmienu. Mill-vanġeli nafu li l-ħajja ta' żmien Ġesù ma kenitx waħda faċli. Ħafna min-nies kienu bla skola, jaqilgħu l-għixien tagħhom b'xogħol iebes.<br>3. Fi żmien Ġesù, l-aktar xogħolijiet importanti kienu dak ta' sajjied, ragħaj u bidwi.<br>4. In-nisa kienu jagħmlu l-ħobż u jnaddfu d-dar. | |
| **L-Attitudni** | - Alla jħobb lil kulħadd u jgħallimna li kulħadd huwa l-proxxmu tagħna. It-tfal juru li jaċċettaw, jilqgħu u jħobbu lil dawk li jiltaqgħu magħhom, anke meta dawn huma differenti minnhom. | |
| | | |
| **1.8** | **Ħadd ma kien jagħtih xejn!** | **1.7** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>• Jisimgħu u jitgħallmu dwar il-parabbola tal-Għani u l-fqir Lazzru.<br>• Jagħrfu l-faqar li kien hemm fi żmien Ġesù.<br>• Jifhmu bl-importanza tal-għajnuna lil xulxin. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Is-sinjur kellu wisq x'jiekol waqt li l-fqir ma kellu xejn.<br>2. Is-sinjur kien kattiv u lanqas kien jagħti xejn lill-fqir<br>3. Is-sinjur ma marx il-ġenna għax ma kienx ħanin. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Hemm bżonn li jaqsmu li jkollhom mal-oħrajn. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru li jagħrfu li llum Ġesù xorta għadu jgħix fostna u għandu bżonn lilna biex ikompli jgħin lil min qed ibati.<br>• It-tfal juru li huma konxji li għandhom iħarsu aktar madwarhom biex jaraw fejn hemm bżonn l-għajnuna tagħhom. | |
| | | |
| **1.9** | **Imfejqa mill-mard fil-jum tas-Sibt** | **1.8** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu u jitgħallmu dwar il-miraklu tal-Mara l-Milwija.<br>2. Jifhmu x'kien ifisser is-Sibt għal-Lhud.<br>3. Jitgħallmu kemm Ġesù kien ħanin u għadu ħanin.<br>4. Jitgħallmu jiddiskutu kif u meta għandhom iħennu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Is-Sibt għal-Lhud kien jum speċjali.<br>2. Huma ma kien jagħmlu xejn fih.<br>3. Ġesù ra li din il-mara kienet batuta ħafna u xtaq jgħinha.<br>4. Hu għamel il-miraklu imma l-Lhud irrabjaw ħafna għax kien Jum is-Sibt. Ġesù fejjaq is-Sibt għax kien hemm bżonn li ma jħallix lil mara tbati aktar. | |
| L-Attitudni | • It-tfal jitrattaw lil xulxin bir-rispett u bl-imħabba.<br>• It-tfal jifhmu bl-importanza li jaraw li ħadd ma jkunu nieqed minn dak li huma jistgħu jgħinu fih. | |
| | | |

| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | 1 lezzjoni |
|---|---|---|
| 1.10 | Kulħadd kien l-istess | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. - Jitgħallmu kif kienu jgħixu l-Ewwel Insara,<br>2. - Jidentifikaw kif jistgħu huma fil-klassi jgħixu bħall-Ewwel Insara,<br>3. - Jitgħallmu u jiddiskutu x'jista' jġib l-għaqda bejniethom u bejn il-bnedmin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-Ewwel Insara kienu jżommu lil Ġesù bħala ċ-ċentru ta' ħajjithom.<br>2. Aktar ma kienu jitkellmu fuqu aktar l-ispirtu ta' familja kien jikber fosthom.<br>3. Ġesu' għallimhom jinfetħu għad-dinja ta' barra u jmorru jxandruh ħaj mad-dinja kollha. | |
| L-Attitudni | • It-tfal, fl-ambjenti tagħhom, jaħdmu għall-għaqda.<br>• Huma juru wkoll li biex ikun hemm l-għaqda, huma jkunu lesti biex jaqsmu li jkollhom ma' ħaddieħor.<br>• It-tfal juru li jieħdu pjaċir jgħixu flimkien u jaħdmu flimkien.<br>• It-tfal juru li huma miftuħin għal xulxin u jgħinu lil xulxin biex kulħadd ikun jista' jħossu li jagħmel parti minn grupp. | |
| | | |